Ref Nru: 28

Il-minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 15 t' Ottubru 2014, fis-7:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tas-sebgha u ghoxrin laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tas-sebgha u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3. Hrug tal-offerti ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar u ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa.

3.1 Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti ghar-*resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar u ghat-tisbih tal-Gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa li huma zewg progetti li ser isiru b'fondi mill-Unjoni Ewropea, EAFRD mizuri 125 u 413.4 rispettivament. Is-Sindku semma li x-xoghol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Wied Simar x'aktarx ikollu jsir bil-konkos u mhux bit-tarmak peress li hekk giet ppreparatha l-*bill of quantities* mill-Perit, li giet sottomessa mal-applikazzjoni. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil *Gozo Action Group Foundation* fejn gie mitlub jekk il-Kunsill jistghax jaghmel xoghol ta' *resurfacing*

bit-tarmak. Il-Kunsill ircieva risposta li x-xoghol irid isir skond il-BOQ. Ghalhekk il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir bil-konkos. Is-Sindku semma li ser jigi mqabbad Perit iehor sabiex jipprepara l-ispecifikazzjonijiet ghat-tisbih tal-Belvedere peress li dak li kien ghamel il-pjanta ghal dan ix-xoghol kien bghat kont gholi ferm. Huwa semma wkoll li forsi tkun trid tinhareg kwotazzjoni ghal dan is-servizz u ghalhekk ghandna niccekkjaw ftit.

Gew diskussi xi materji ohra:

Is-Sindku semma li l-Qala Saints Football Club ser jaghmlu l-*ground* tal-*football* tal-Qala bit-turf. Huwa ppropona li l-ispejjes tal-Perit li huma ser jqabbdu ghandu jithallas mill-Kunsill. Huwa semma li ser isir laqgha maghhom u mal-Perit taghhom.

Il-Vici Sindku staqsa dwar meta ser isir il-laqgha mal-Korporazzoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar il-*pipeline* tal-ilma li ser jghaddi minn Hondoq ir-Rummien, Qala sa ta' Sannat. Is-Sindku semma li din tista` jsir fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

Il-Vici Sindku ippropona li l-karozza tal-linja, rotta 322 ghandha tghaddi mill-lokalita` tal-Qala wkoll. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lit-Trasport Malta dwar dan.

Gew mibghuta l-ittri ta' accettazzjoni lil Salvu Camilleri and Sons Limited ghal kuntratt tal-provvista ta' *readymix concrete* u xibka tal-hadid, Rotciv Co. Limited ghal kuntratt tal-provvista ta' ramel u zrar, Mark Camilleri ta' 'Crystal', Triq il-Papa Piju XII, Qala u Peter Paul Said ta' 'May Flower', Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Nadur, ghal kiri tal-ingenji.

Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Ministru l-Onorevoli Konrad Mizzi dwar ilmenti mir-residenti ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni, dwar trinek li ma gewx maghluqa kif suppost wara li sar xi xoghol mill-Korporazzjoni Enemalta.

Giet mibghuta ittra mill-Ministru l-Onorevoli Dr Anton Refalo dwar il-proposta tal-Gvern sabiex isir *bridge* bejn Malta u Ghawdex, sabiex jekk dan isir mill-lokalita` tal-Qala l-Kunsill ikun involut fid-diskussjonijiet.

Giet mibghuta itta mill-Kunsill lir-Ruben Said tat-Transport Malta dwar proposta sabiex isir *double yellow line* fi Triq il-Belvedere kantuniera ma Triq Federico Barocci.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-17 ta' Settembru 2014 sas-15 ta' Ottubru 2014 minn referenza numru 169/14 sa referenza numru 195/14 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 54/14 sa referenza numru 64/14 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

## 4. Korrispondenza.

4.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

QALA

4.2 Ittra minghand Joe Attard ta' Green MT dwar l-inizjattiva ambjentali ta' gbir ta' hgieg. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva basta ma jkunx hemm spejjez zejda ghall-Kunsill. Gie deciz li tintbghat ittra lil Joe Attard sabiex jigi nformat b'dan. Il-Kunsill iddecida wkoll li ghandu jsir avviz mill-Kunsill fejn ir-residenti jkunu informati b'din l-inizjattiva.

4.3 Ittra mibghuta minn Victoria Mifsud Tommasi mill-WasteServ Malta Ltd., dwar *European week for waste reduction*.

4.4 Ittra mibghuta minn Heather Pearson minn Jugs Malta fejn talbiet il-permess tal-Kunsill sabiex isiru xi loghob f'Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jinhareg permess.

4.5 Ittra mibghuta minn David Grech *Charge Nurse NIS* mill-Ministeru tal-Energija u Sahha dwar it-tilqim kontra l-influwenza. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti dan it-tilqima mill-Kunsill.

4.6 Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali t'Ghawdex, l-Ministeru ghal Ghawdex u l-M.A.S. dwar id-*Day Centre* f'Ghawdex ghall-anzjani li gie mgegged ghal tliet snin ohra.

4.7 Gew trattati zewg talbiet, wahda ghal bozza gdida tat-triq PR 53 14 fi Triq l-Isqof Baldassare Cagliares u l-ohra ghal *shifting* ta' bozza tat-triq ezistenti PR 54 14 fi Triq Cini.

4.8 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza EC/00358/14, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:15 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn l-1 ta' Dicembru 2014.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |